# L-Imgħallmin fis-sengħa tal-bini u l-altar ta' San Tumas fil-knisja ta' San Publju

*minn Dr. Eugene F. Montanaro, LL.D.*

Fl-1770 il-Perit Giuseppe Bonnici u l-imgħallmin fis-sengħa tal-bini għamlu talba, jew aħjar *supplica*, fil-Kurja ta' l-Isqof, sabiex jiġi fdat f'idejhom l-Altar li kien se jiġi mwaqqaf il-Kappellun tax-xellug fil-Viċi Parroċċa ta' San Publju tal-Furjana.

L-imgħallmin tal-bini talbu wkoll li jingħatalhom il-permess meħtieġ sabiex iwaqqfu fi ħdan l-istess Altar ix-xirka tagħhom taħt il-patroċinju u l-isem ta' SAN TUMAS APPOSTLU. Għal dan l-iskop, huma kienu lesti jintrabtu li jagħmlu xbieha ta' S. Tumas fuq dan l-Altar, u li jżejnu l-prospettiva ta' l-Altar bi skultura fil-ġebla Maltija. Fit-talba tagħhom, l-imgħallmin offrew li jħallsu l-ispejjeż tal-bżonnijiet kollha ta' dan l-Altar, u tal-lampier ta' quddiemu, kif ukoll l-ispejjeż tal-Festa ta' S. Tumas:

*"L'Architetto Giuseppe Bonnici Donato, e i Maestri di Fabriche di quest'Isola di Malta l'espongono, che desiderebbero concesso l'Altare da farsi nel fondo del Cappellone Sinistro della nuova Chiese filiale e coadiutrice sotto il titolo di S. Publio della Floriana, con erigervi a suo tempo in detto Altare l'aggregazione sotto il titolo di S. Tommaso Apostolo loro Protettore, obligandosi di far dipengere detto lor Santo, scolpire la facciata di dettal Altare, ornarlo, e provederlo de supellettili nessarii, a mantenerlo a proprie spese con accendervi cotidianamente la lampada, far celebrare la festa di detto Santo..."* [(1)]

Biex dan kollu jseħħ, l-imgħallmin tal-bini talbu jingħatalhom il-permess meħtieġ sabiex matul il-festi kmandati huma jibnu mill-ġdid il-faċċata kollha u ż-żewġ kampnari tal-Knisja ta' S. Publju. Imma mhux hekk biss. Għal din il-biċċa xogħol huma kienu lesti jintrabtu li ma jitolbu ebda kumpens mingħand il-prokuraturi tal-bini tal-faċċata l-ġdida. Mingħand il-prokuraturi, l-imgħallmin riedu biss permess sabiex jiġbru u jużaw il-ġebel li kien jinsab f'barriera *(cava)* viċin il-Knisja. Tabilħaqq, l-imgħallmin offrew li jieħdu ħsieb it-trasport ta' dan il-ġebel, kif ukoll ix-xogħol kollu fil-ġebla u fil-bini tal-faċċata l-ġdida: *"...quale essi esponenti si obligano di trasportare sul luogo, di lavorarla, e fabricarla."*

Fit-18 ta' Ġunju 1770, il-Kanonku Don Pasquale Grima, l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' S. Pawl tal-Belt Valletta fisser bil-miktub li fil-fehma tiegħu l-imgħallmin tal-bini kien jistħoqqilhom li jiġi fdat f'idejhom l-Aktar ta' S. Tumas, kemm-il darba huma kienu tabilħaqq kapaċi jwettqu dak kollu li kienu wiegħdu li se jagħmlu fil-Knisja ta' S. Publju fis-*supplica* tagħhom. L-Arċipriet ta' S. Pawl żied igħid li dan seta' jseħħ wara li tingħata l-approvazzjoni ta' l-Isqof għad-disinn li kellu jiġi mfassal mill-imgħallmin u mressaq fil-Kurja mill-Arċipriet ta' S. Pawl innifsu. [(2)]

Il-Kurja laqgħet it-talbiet ta' l-imgħallmin kif ukoll ix-xewqat ta' l-Arċipriet ta' S. Pawl fid-9 ta' Ottubru 1770. Ġiet għalhekk imġarrfa l-ewwel faċċata li kellha l-Knisja ta' S. Publju sabiex titkabbar il-korsija, u l-ewwel ġebla tal-faċċata ġiet imqiegħda fid-19 ta' Frar 1771.

Il-Perit Giuseppe Bonnici u l-imgħallmin fis-sengħa tal-bini mexxielhom itemmu l-proġett tagħhom għall-Altar ta' S. Tumas u għall-faċċata tal-Knisja ta' S. Publju b'wiċċ il-ġid u b'ħila kbira. U meta, fit-28 ta' April 1942, il-Knisja ntlaqtet mill-bombi tal-għadu, u l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju nqala' minn postu, fuq l-Altar tal-Kappelln wieħed seta' jammira l-fdalijiet tat-titular il-qadim: skultura inimitabbli fil-ġebla Maltija li tirrappreżenta xena mill-ħajja ta' S. Tumas Appostlu.

Fil-Parroċċa tal-Furjana l-kult lejn dan l-Appostlu baqa' mfakkar fl-isem ta' TRIQ SAN TUMAS. Fost il-poplu, baqa' mfakkar ukoll fl-isem tas-sala fis-Sagristija fejn jingħad li kienu jiltaqgħu l-imgħallmin tal-bini għas-seduti tagħhom: is-**Sala ta' San Tumas.** Imma fil-kuntest ta' l-Istorja, ir-rikors li hu s-suġġett ta' din il-kitba jqanqal bosta problemi li aħna ma nafux kif sejrin nibdew inħolluhom.

Fl-1770, il-Knisja ta' S. Publju kellha l-unur li tilqa' fi ħdanha l-Fratellanza ta' l-imgħallmin tal-bini tal-pajjiż sħiħ! Fl-imgħoddi, il-mastri tas-snajja' tagħna kienu l-ewwelnett jiffurmaw bejniethom fratellanza reliġjuża bis-sede tagħha madwar l-Altar tal-Protettur tagħhom. Imbagħad kienet issir talba lill-Granmastru sabiex il-Prinċep, jew aħjar l-Istat, jirrikonoxxi x-xirka tagħhom bħala *guild (arte)*. Nafu wkoll li fl-imgħoddi xi parroċċi ewlenin ta' Malta kienu diġa' jħaddnu fratellanzi ta' skulturi u ħaddiema fil-ġebel. [(3)] Imma jidher ċar mis-*supplica* ta' l-1770 illi l-imgħallmin tal-bini f'Malta ngħaqdu lkoll flimkien sabiex jiffurmaw Fratellanza waħda bis-sede tagħha fil-Knisja ta' S. Publju tal-Furjana. Tgħid kien il-Perit Giuseppe Bonnici li ħeġġeġ sabiex din l-għaqda sħiħa fost l-imgħallmin isseħħ? U x'kienet il-ġrajja li wasslet lil din il-Fratellanza ta' S. Tumas fil-Furjana tispiċċa fix-xejn?

L-istudjuż ta' l-istorja ta' l-iskultura ta' pajjiżna ma jistax jaħrab minn bosta mistoqsijiet li t-tweġiba tagħhom x'aktarx għadha mistura f'xi dokumenti li s'issa għadhom ma rawx wiċċ id-dawl. Il-ħerba ta' l-aħħar Gwerra Dinjija wasslet l-informazzjoni li kemm it-titular ta' S. Tumas kif ukoll dak ta' l-Altar Maġġur (ta' S. Publju) u dak tal-Kappellun tal-Kurċifiss kienu jikkonsistu f'alto riljievi fil-ġebla Maltija ta' l-istess daqs u dimensjoni tal-kwadri li naraw flokhom il-lum. Fi ftit kliem, il-Knisja ta' S. Publju kellha t-titulari tat-tliet Altari l-aktar importanti tagħha f'għamla ta' riljievi ta' l-iskultura *(sculptural reliefs)* ta' daqs konsiderevoli. U ta' dan għandna provi ċari permezz ta' ritratti fotografiċi meħudin ftit wara li ġġarrfet il-Knisja mill-bombi tal-għadu.

Id-dokumenti storiċi juru biss b'mod indirett illi dawn l-alto riljievi saru f'xi żmien matul is-Seklu Tmintax. L-iskulturi li ħadmuhom baqgħu anonimi. Milli jidher, dan kien żvilupp uniku fl-istorja ta' l-iskultura ġewwa pajjiżna. Imma din l-enfasi fuq l-arti ta' l-iskultura fit-tiżjin ta' l-altari tal-Knisja ta' S. Publju, kienet frott tal-ħidma u l-entużjażmu tal-membri tal-Fratellanza ta' S. Tumas, jew xi għażla innovativa tal-Furjaniżi?

Fl-aħħarnett, xieraq infakkru xi ħaġa mill-ġrajja umana tal-protagonist tas-*supplica* ta' l-1770. Il-Perit Giuseppe Bonnici twieled Ħal Luqa fl-1707. Fit-2 ta' Ottubru 1750 kien maħtur b'permess speċjali tal-Granmastru "perit pubbliku straordinarju, assessur u stimatur" għal Malta kollha. Inħatar mastru perit fil-5 ta' Novembru 1754. Wara li miet l-Arkitett Francesco Zerafa fl-1758, il-Perit Giuseppe Bonnici beda jidderiġi x-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tal-Qorti (il-*Castellania)* fi Triq Merkanti, il-Belt Valletta. [(4)]

Il-mibki storiku Dun Ġużepp Micallef kiteb dwar dan il-perit: "Bonnici kien ukoll kapomastru ma' l-Ordni u mexxa x-xogħol tas-swar, il-Furjana, fejn mar joqgħod għal ħabta ta' l-1758. F'April 1762, bħala apprezzament tal-ħidma tiegħu għall-Ordni, il-Granmastru tah l-unur ta' **Donat.** Tlettax-il sena wara, fil-5 ta' Diċembru 1775, għall-ħila li kien ilu juri fl-arkitettura, l-Ordni ħatru bħala inġinier tiegħu... ħarġu minn taħt idejh il-pjanti ta' ħafna djar kbar u xi knejjes. L-aqwa opra tiegħu hi d-Dwana, imtella' fuq sisien f'qiegħ il-baħar. Miet fl-1779." [(5)]

Milli jidher, il-Perit Giuseppe Bonnici kien professjonist li gawda r-rispett u l-istima kemm ta' l-Ordni kif ukoll tal-Maltin, u fuq kollox sar Furjaniż b'adozzjoni, meta għażel li jiġi jgħix fil-Furjana.

**RIFERENZI:**

1. Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, Floriana, *SUPPLICHE*, 1762-1776, II, Vol. 9, f. 692r.
2. Ibid., f. 693r.
3. Ngħidu aħna, fl-1634, fil-Parroċċa ta' S. Ġorġ ta' Ħal Qormi saret il-kappella ta' San Tumas *ex devotionem sculptorum seu incisoribus lapidem ac fabros, cementarios dicti casalis* — ara Ġuże Cardona, Il-Bini tal-Knisja ta' S. Ġorġ ta' Ħal Qormi bejn l-1575 u l-1684 fil-ktieb "Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi — Erba' Sekli Ta' Storja" — Editur Joseph Grima, Malta, 1984, p. 34.
4. Dr. Carmel Testa, *The Life And Times Of Grand Master Pinto*, Malta, 1989, pp. 241-242.
5. Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa — Niesha U Ġrajjietha, Malta, 1975, p. 151.